# Is-Soċjeta' "Dun Filippu Borgia" Twaqqfet Sittin Sena Ilu

minn Philip Borg Ph.L., S.Th.B., Dip.Sc.Soc.(Rome)
President Socjeta' "Dun Filippu Borgia"

Fil-5 ta' Diċembru 1630, il-Papa Urbanu VIII, bagħat Ittra Appostolika lill-Inkwiżitur ta' Malta u biha għarfu li laqa' t-talbiet ta' Dun Filippu Borg, kappillan ta' Birkirkara, biex titwaqqaf l-ewwel Kolleġġjata f' Malta - taħt it-titlu ta' Santa Liena, reġina.

Il-Papa ordnalu jwettaq kollox kif ried il-Fundatur u li dan, jiġifieri l-Fundatur Filippu Borg, jagħmel ukoll il-kuntratt b'att ta' donazzjoni tal-ġid li wiegħed biex minnu tkun tista' tgħix il-Kolleġġjata - Lulju 1632, Nutar Ferdinandu Żarb.

It-twaqqif u l-erezzjoni, tal-Kolleġġjata sar kollu kif riedu Dun Filippu - twaqqfet Prepositura u 12-il Kanonikat. Il-Papa ordna wkoll - kif ried il-Fundatur - li l-beni immobli li minnhom kellha tkun mantnuta l-Kolleġġjata, ikunu amministrati mill-istess Kanonċi. Ordna wkoll li jkunu huma stess li jagħżlu Kanonku ġdid meta jonqos xi wieħed minnhom.

**Dritt tal-Poplu**

Dawn iż-żewġ klawsoli partikulari jiffurmaw dak li jissejaħ "Ġuspatronat". Il-Fundatur xtaq li dan jinqasam fi tnejn, attiv u passiv. "Attiv" jew dirett jappartjeni lill-Kapitlu; "Passiv" jew indirett jappartjeni lill-poplu Karkariż. Sar hekk għax Dun Filippu ried - u l-Papa aċċetta u kkonferma - li fil-Bolla jkun imniżżel ukoll min huma l-eredi, il-werrieta diretti tal-ġid kollu mħolli b'kuntratt, f'każ li jitnaqqas xi ħaġa minn dak li ried il-Fundatur u kkonferma l-Papa.

Dan il-fatt storiku ħoloq sitwazzjoni ġdida fl-ambitu ġuridiku lokali,

kemm ekleżjasiku kif ukoll ċivili. Fuq naħa kellek lill-Kanonċi li bħala Kapitlu jiffurmaw entita' ġuridika speċjali, u fuq in-naħa l-oħra kellek lill-poplu karkariż b'entita' ġuridika parallela - it-tnejn marbutin mal-Kolleġġjata Karkariża.

Tajjeb ngħidu wkoll li mmedjatament wara t-twaqqif, ġew ifformulati l-Istatuti li bihom kellha titwaqqaf il-Kolleġġjata. Dawn ukoll ġew approvati mill-Papa fl-24 ta' Settembru 1631 u baqgħu dejjem meqjusin uffiċjalment parti integrali mit-twaqqif tal-Kolleġġjata Karkariża.

**Kolleġġjata Unika**

In-natura speċjali ta' din il-Kolleġġjata (speċjali, "sui generis", ta' klassi għaliha), qanqlet protesti mill-awtoritajiet ta' dak iż-żmien. Ħaġa minn awl id-dinja, m'għoġbotx lill-Isqof Cagliares, lill-Inkwiżitur Martin Alfieri u lill-Gran Mastru De Paule. Kitbu Ruma, iżda l-Papa u s-Santa Sede kkonfermaw li jibda' kollox kif kien ordnat bil-Bolla u kif ried il-Fundatur!

Fl-1771, imbagħad, il-Kan. Dun Pierin Borġ, segwa l-passi tal-Fundatur u waqqaf 4 Kanonikati oħra bl-istess bażi legali ta' l-ewwel Fundazzjoni. Dan għamlu wkoll b' kuntratt ċivili għand in-Nutar Pietru Pawl Gonzi fit-18 ta' Diċembru, 1771. B' hekk il-Kapitlu tagħna huwa kompost minn Prepostu u sittax il-Kanonku. Fiż-żewġ fondazzjonijiet l-iskop pastorali huwa suprem, filwaqt li l-element ġuridiku - tal-Kanonċi u tal-poplu Karkariż - huwa fuq bażi aktar soda.

Attentati biex jitnaqqsu s-setgħat tal-Kapitlu saru kemm il-darba tul is-sekli. Fl-1935, l-Isqof ta' Malta, Mawru Caruana, ried li jieħu f'idejh l-għażla tal-Kanonċi l-ġodda - il-"ġuspatronat attiv". Il-poplu Karkariż fehem li, jekk isir hekk tiġi żarmata l-aktar klawsola speċjali tal-Fundazzjoni, u jkun il-bidu tat-tmiem tal-akbar opra li Dun Filippu ħalla b' wirt lill-Karkariżi f' kull żmien!

Il-Karkariżi kienu jafu li, minbarra l-qrati ċivili lokali, kien hemm ukoll it-tribunali tal-Knisja f' Ruma. Kienu patrijotti u ma riedux jitradixxu x-xewqat tal-Fundatur li ħabbhom tliet mitt sena qabel,

u lanqas riedu jkunu tradituri ta' min ħadem qabel jew għad irid igawdi minn dak il-wirt fil-ġejjieni.

Twaqqfet is-Soċjeta'

Fit-3 ta' Lulju 1936, xirka b'għadd kbir ta' Karkariżi ta' kull klassi ingħaqdet uffiċjalment u legalment taħt l-isem ta' SOĊJETA' DUN FILIPPU BORGIA - bil-motto "ut salva maneat semper lex fundationis", li tfisser "biex tkun imħarsa dejjem il-liġi tal-fudazzjoni".

L-ewwel kumitat kien iffurmat hekk: President, Dr. Edgar Buhagiar LLD; V.President, Nutar Dr. Ġużeppi Gatt; Segretarju, Ġużeppi Ruġġier; A/Segretarju, Karmenu Laferla; Kaxxier, Ġio. Maria Mamo. Membri: Dr. William Buhagiar LLD, Dr. Pawlu Grech MD, Kjeriku Salvnu Borġ Olivier u delegati taż-żewġ Baned Karkariżi.

Ġie mgħarraf il-Kapitlu (19.9.1936) u l-Isqof Mawru Caruana (14.11.1936). Fis-27 ta' Novembru bdew jinġabru l-fondi mill-Każini u mill-poplu u fil-15 ta' Diċembru ġie nfurmat pubblikament il-poplu li f'ismu is-Soċjeta' Borgia kienet ser tiftaħ kawża f'Ruma. Fl-1937 intagħżel Dott. Angelo D'Alessandri bħala avukat tas-Soċjeta fil-kawża.

Fl-1938, l-Isqof ta' Malta, ressaq l-eċċezzjoni li għaqda ta' sekulari ma setgħetx tersaq f'qorti tal-knisja f'Ruma. It-Tribunal, iżda, ċaħad dan u rrikonoxxa d-dritt leġittimu tas-Soċjeta' Dun Filippu Borgia biex tiftaħ kawża quddiem is-Sacra Romana Rota (11.5.1939).

Rikonoxxura Legalment

Din l-ewwel sentenza preliminari kkonfermat dak li sal-lum is-Soċjeta' tiftaħar bih: rappreżentanta leġittima tal-poplu Karkariż u legalment rikonoxxuta mit-Tribunal tal-Knisja.

Bejn l-1940 u l-1944 ġiet sospiża l-kawża minħabba l-gwerra. Iżda s-Soċjeta' baqgħet għaddeja b'laqgħat formali u oħrajn pubbliċi fejn żammet lill-poplu nfurmat b'li kien għaddej.

Sadattant kien miet l-Isqof Caruana u floku laħaq Mons. Mikiel Gonzi li stqarr (18.6.1945) li ma xtaqx jidher kontra l-Kapitlu u l-poplu ta' Birkirkara - iżda l-kawża kompliet. Fit-13 ta' Diċembru, 1945, il-Kaptilu Elenjan ingħaqad mas-Soċjeta' fil-kawża. Matul daż-żmien, il-konkorrenza tal-poplu fil-ġbir kienet inkoraġġanti ħafna.

Wara diversi laqgħat u vjaġġar ta' delegazzjonijiet tas-Soċjeta' u tal-Kapitlu, is-Sacra Romana Rota, komposta minn Monsinjuri Mħallfin Wyen, Heard u Canestri, qatgħetha li "mhix kompetenti" biex taqta' deċiżżjoni. Sa ftit jiem qabel, l-istess avukat D' Alessandri kien kiteb li kollox kien juri li s-Soċjeta' rebħet il-kawża. X'kien ġara? Sal-lum ħadd ma jaf, imma kulħadd seta' jobsor!

**Il-Poplu ma felħax**

Fis-27 ta' Jannar 1949, hekk kif sar jaf b'dan, il-poplu sibel u wera l-għadab tiegħu! Kien ilu mċaħħad milli ssir festa tal-Patruna għal bosta snin, jikkontribwixxi u jittama li jsalva dak li ħallielu l-Fundatur u jemmen lil min stqarr li "ma jridx jidher" kontrih. Ġew imbarrati l-bibien tal-knisja u saru stqarrijiet biex jiddeploraw dan l-aġir.

L-Isqof inkwieta u ħejja ittra lil Mons. Roberti f'Ruma. Ħaduha bl-idejn delegazzjoni tas-Soċeta' u tal-Kapitlu, komposta minn Dr. Buhagiar u n-Nutar Gatt, il-Prepostu Emm. Vella u l-Kanonku Vinċ. Saliba (6 ta' Frar, 1949).

Fl-ittra tiegħu, Mons Gonzi kiteb li "xtaq jara l-Parroċċa ta' Birkirkara kkalmata u talab lill-Kongragazzjoni tal-Konċilju terġa' teżamina sewwa l-każ speċjali tal-Kapitlu ta' Birkirkara." Is-Soċjeta' u l-Kapitlu ma kienux appellaw mis-sentanza mogħtija bil-wegħda li bl-intervent ta' dik l-ittra kellu jisewwa kollox.

Fl-1955 il-Kongregazzjoni ħarġet id-digriet tar-"ripristinu" - li kollox jerġa' għalli kien qabel l-1935. Infatti, fis-16 ta' Marzu 1956, il-Kapitlu reġa uża d-dritt sagrosant tiegħu u ħatar erba' kanonċi ġodda.

B' hekk deher li l-ħidma tas-Soċjeta' fl-ewwel snin tal-eżistenza tagħha kienet tat il-frott mixtieq. Iżda l-periklu ma kienx ġie eliminat. Is-Soċjeta' kellha tibqa' tgħasses li dak li nbena tul tlett mitt sena ma jinħattx minn ħaddieħor. Il-wirt tal-Karkariżi kellu - u għandu - jibqa' TAL-KARKARIŻI!

Aktar ħidma

Tul-is-snin, imbagħad, is-Soċjeta' espandiet l-interess u l-ħidma tagħha fuq aspetti oħrajn storiċi u kulturali li jsawwru l-Istorja ta' Birkirkara. Salvat it-Torri tal-Wejter mill-qirda, wasslet għar-restawr u l-użu tal-Mitħna ta' Ganu u firxet interess akbar u "*awarness*" fost il-poplu għas-sabiħ kollu li għandu f'art twelidu.

Tellgħet wirjiet soċjo-reliġjużi u bdiet it-triq twila biex f'Beltna jkollna ċimiterju diċenti. Dan huwa proġett ambizzjuż li għalih il-Kapitlu diġa' alloka art imdaqqsa u li dwaru s-Soċjeta' qed taħdem - illum b'kollaborazzjoni mal-Kapitlu u bl-intervent uffiċjali tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Ħadmu qabilna

F'kull żmien is-Soċjeta' kellha kumitati u presidenti attivi li ħallew eżempju tajjeb kif wieħed għandu jħobb lill-pajjiżu u dak li huwa tiegħu. Fosthom insemmi lill-mibkijin Dr. Edgar Buhagiar, Nutar Ġużeppi Gatt, Dr. Joseph Fenech Adami u l-aħħar president ta' qabli is-Sur Joe Deacon.

Mingħand ħabibi Joe Deacon uritt eżempju mill-aqwa ta' dedikazzjoni u mingħand il-membri li rawwem fl-aħħar snin madwaru, ksibt il-kuraġġ meħtieġ biex naħdem għal Birkirkara u l-Kolleġġjata tagħha - fejn hemm marbut u mħolli lilna lkoll l-aqwa wirt ta' prestiġju u serjeta'.

Ħafna għaqdiet twieldu b'entużjażmu, iżda mietu qasir il-għomor. Is-Soċjeta' Dun Filippu Borgia, għax għandha skop preċiż u ta' fejda, baqgħet ħajja tul sittin sena sħaħ. U kif rajna fl-aħħar sena, għad għandha misssjoni x'taqdi b' risq il-valur storiko-ġuridiku tal-kontinwazzjoni bejn min għex qabilna u min għad irid jiġi

warajna.

Il-Karkariżi huma - u tassew għandhom għalfejn ikunu - kburin bis-Soċjeta' Borgia, hekk kif ħafna bliet oħra jixtiequ li kellhom għaqda bħal tagħna. Apparti kemm diġa' swiet sal-lum, is-Soċjeta' Borgia - li llum tiġbor fiha b'mod statutorju lit-tliet baned Karkariżi - taqdi l-funzjoni li tindokra l-valuri tal-passat u f' isem il-Karkariżi tal-lum, tagħddihom intatti lill-Karkariżi ta' għada.

16 ta' Marzu, 1996.






L-inkwadru tal-Fundatur Dun Filippu Borgia imżejjen bil fjuri fuq il-presbitrju fl-okkażjoni ta' għeluq it-365 sena mit-twaqqif tal-Kolleġġjata - 5 ta' Diċembru, 1995.